TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 176/15/GB

**Jesmond Mugliett**

**vs**

**3 Group – The Managing Director**

Illum 9 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Settembru, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija disgha u tmenin Ewro u disgha u disghin centezmi (€189.99), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal *TV Box* li nxtrat minghand l-intimat, liema *TV Box* kienet difettuża.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-4 ta' Awissu 2015 huwa kien xtara *TV Box* minghand l-intimat, bil-patt li jara l-loghob tal-*football*, car u bla qtugh.

Is-*salesman* ta' l-intimat kien irrakkomandalu li jixtri *Gold Package IPTVMXQ TV Box* ghas-somma ta' mija disgha u tmenin Ewro u disgha u disghin ċenteżmi (€189.99).

Meta nstallah, ir-rikorrent ilmenta li ma kienitx qed turi car, u wara li ġiet issetjata, beda jinnota qtugh fis-servizz.

Fil-25 ta' Awissu 2015, it-*TV Box* ġiet mibdula ma' ohra ghat-tieni darba, iżda bdiet taqta' wkoll.

Wara li r-rikorrent talab flusu lura, l-intimat irrifjuta. Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob flusu lura skond il-ftehim li ghamel ma' l-intimat.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-korrispondenza bejn il-partijiet, li ġiet immarkata bhala Dok.JM1; kif ukoll kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.JM2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li sema' l-provi, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti ta' l-intimat, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija disgha u tmenin Ewro u disgha u disghin centezmi (€189.99) lir-rikorrent, filwaqt li jordna lir-rikorrent jirritorna t-*TV Box* in kwistjoni lill-intimat, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**